# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Att t'akkuża numru: 9/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Malcolm Joseph FALZON**

Illum id-19 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' Malcolm Joseph FALZON (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0116569M), imwieled tas-Sliema nhar is-7 ta' Marzu 1969 u residenti ġewwa kamra numru 15, Sensi Hotel, Triq il-Maħsel, Marsaskala li ġie akkużat talli:

## <u>L-EWWEL KAP</u>

Illi fit-28 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi kien ser isir deal tad-droga ġewwa Triq il-Maħsel, Marsacala. Infatti waqt osservazzjonijiet magħmula mill-uffiċjali ta' din l-iskwadra f'din it-triq, għall-ħabta tat-tmienja nieqes għaxar minuti ta' filgħaxija (7:50pm) ġiet innutata persuna ssuq vettura tal-għamla Kia Picanto ta' lewn isfar bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ639 liema vettura ġiet interċettata u mwaqqfa mill-pulizija fuq il-post fuq s-suspett reġonevoli

li kellhom.  Meta saru t-tfittxijiet relattivi f'din il-vettura skond il-liġi, liema vettura kienet misjuqa minn Carmelo Luca, kontra min qed jittieħdu proċeduri separati għal dawn, instab baskett iswed bi kliem abjad fuqu tat-tip *sports bag* u ġo fih kien hemm madwar sitt kilos ta' sustanza suspettata resina tal-cannabis apparti ammont konsiderevoli ta' flus. Apparti minn hekk u fl-istess ħinijiet waqt din l-osservazzjoni ġiet inutata persuna ħierġa mill-lukanda Sensi li tinstab fl-istess Triq il-Maħsel, Marsascala fejn din il-persuna kienet qed iġorr basket imdaqqas tal-karti.  Din il-persuna ġiet innutata dieħla ġewwa għalqa viċin din il-lukanda fejn mumenti wara ġiet innutata ħierġa mill-istess għalqa iżda mingħajr dan il-baskett.  Meta l-pulizija avviċinaw din il-persuna fuq suspett raġonevoli li seta' kellu xi rabta mal-interċettazzjoni ta' Carmelo Luca li kien għadu kif ġie arrestat, hu ġie identifikat bħala Malcolm Joseph Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijet li saru fid-dawl tal-osservazzjonijiet u interċettazzjonijiet magħmula, l-pulizija kienu analiżżaw il-kontenut ta' dan il-basket li filfatt kien instab ġewwa din l-għalqa fejn l-akkużat kien ġie nnutat dieħel fejn ġo fiha instabet sustanza suspettata li kienet pjanta tal-Cannabis.  Infatti meta din is-sustanza ġiet analiżżata mill-esperti forensiċi maħtura irriżulta li din is-sustanza filfatt kienet il-pjanta tal-cannabis fl-ammont kumplessiv ta' ftit iktar minn kilo preċiżament elf u wieħed u disgħin punt disa' grammi (1091.09).

Illi ulterjorment u in sostenn ta' din is-sejba tad-droga u r-rabta tal-akkużat Falzon magħha, meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-akkużat Falzon instabet ċavetta tal-kamra numru 15 fil-lukanda Sensi fejn meta saret tfittxija ġo fiha instab pakkettar ta' lewn kannella u roza li x'aktarx intuzat sabiex id-droġa misjuba ġiet ipakkettata, flimkien ma traċċi oħra tal-pjanta tal-cannabis, apparti miżien elettroniku u ammonti ta' boroz ta' qies medju tal-kwalita *self-sealing* apparti parfernalia oħra relatata ma' din is-sejba illeċita.

Illi in konsiderazzjoni tal-mod kif instabet din is-sustanza kien evidenti li din is-sustanza ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-akkużat u b'hekk kellha t-tir li tiġi traffikata fi xtutna.

Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l- akkużat Malcolm Joseph Falzon ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## T-TIENI KAP

Illi b'referenza għall-fatti kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-att tal-akkuża u ċioe nhar it-28 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), senjatament waqt l-investigazzjonijiet li għamlu l-pulizija wara l-arresti ta' Carmelo Luca kif ukoll tal-akkużat, irriżulta minn dak li kien iddikjara magħhom skond il-liġi Carmelo Luca illi parti mis-sustanza li kienet instabet fil-pussess tiegħu kien iddestinat għal Malcolm Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri. Infatti fost it-tfittxijiet u s-sejbiet li kienu rriżultaw in konnessjoni mal-imsemmi Carmelo Luca kien instab l-ammont ta' madwar sitt kilo raża kannabis, speċifikatament ħamest elef tmin mija tnejn u ħamsin punt sittax il-gramma (5852.16g), bil-purita' ta' madwar 8.5%, liema sustanza kienet instabet ġewwa vettura tal-għamla Kia Picanto ta' lewn isfar bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ639 li kienet filfatt misjuqa mill-imsemmi Carmelo Luca fil-mument meta' ġie interċettat u fejn ftit il-bogħod minnu kien ġie interċettat u eventwalment arrestat l-akkużat Falzon.

Illi evidentement irriżulta li Malcolm Falzon għamel tentattiv sabiex jittraffika is-sustanza imsemmija, fl-eventwalita' li din wasslet għandu skond kif seta' jiġri jekk Carmelo Luca għaddilu l-imsemmija droga kif filfatt kien intiż li jsir. Li kieku ma kienx għall-prontezza tal-pulizija investigattiva

f’dan il-każ li arrestawhom entrambi f’ħinhom u f’waqthom, dan it-traffikar seta’ essenzjalment irnexxa.

Illi b’għemilu l-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon sar ħati talli ittenta li jagħmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi (Kap 101) (traffikar tad-droga), jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon, ħati talli ittenta li jagħmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi (Kap 101) (traffikar tad-droga), jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(5), 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

## IT-TIELET KAP

Illi apparti miċ-ċirkostanzi msemmijin u formanti l-mertu tal-ewwel u t-tieni Kapi ta’ din l-Att tal-Akkuża, fit-tlieta (3) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga kienu rċevew informazzjoni dwar negozju tad-droga li kien ser isir bejn diversi persuni fl-inħawi ta’ Marsaxlokk u liema negozju filfatt ġie interċettat mill-Pulizija f’dik id-data u f’dawk l-istess inħawi.  Kienu ġew arrestati diversi persuni in konnessjoni ma dan in-negozju li kien jinvolvi l-ammont ta’ madwar ħames kilogrammi ta’ sustanza suspettata li kienet droga.  Fost il-persuni arrestati kien hemm ċertu Joseph Zerafa li sussegwentement kien ipprovda informazzjoni dwar dawn in-negozjati lleċiti lill-pulizija investigattiva f’dan il-każ fejn irriżulta li fost il-persuni assoċjati f’dan in-negozju tad-droga kien hemm ukoll Malcolm Joseph Falzon qua l-istess akkużat f’dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tlieta (3) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta’ qabel dik id-data, l-akkużat Malcolm Joseph Falzon iddeċieda li jibda imexxi u jittraffika fid-droga kannabis (resina).  L-akkużat kien ftiehem ma diversi persuni ġewwa Malta sabiex jakkwista,

jipprovdi u jittraffika d-droga in kwistjoni, għal liema aġir illeċitu l-akkużat kien ser jiġġenera ammont konsiderevoli ta’ flus. Illi in eżekuzzjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat xjentement ftiehem fost oħrajn ma Joseph Zerafa, li ġie pproċessat separatament mill-akkużat Falzon, sabiex l-akkużat jgħaddilu d-droga resina tal-kannabis f’ammonti konsiderevoli sabiex din tiġi ulterjorment ittraffikata fi xtutna u wara li din is-sustanza lleċita tkun ġiet akkwistata mill-istess Falzon minn terzi persuni oħra hawn Malta speċifikatament bil-għan li d-droga mertu ta’ dawn il-proċeduri tiġi ttraffikata f’pajjizna. Tal-involviment tiegħu f’dawn l-intrapriżi lleċiti, l-akkużat Falzon kien ser jiġġenera ammont konsiderevoli ta’ flus.

Illi fortunatament din id-droga ġiet interċettata qabel ma daħlet fiċ-ċirkolazzjoni u kwindi qabel ma ġiet effettivament ittraffikata. In oltre minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet hawn Malta u li kienu nstabu fil-pussess ta’ Joseph Zerafa fil-forma ta’ tmintax (18) il-blokka b’simbolu ta’ ħuta fuqhom, kienu filfatt jikkonsistu mis-sustanza reżina tal-kannabis, sustanza lleċita skond il-liġijiet tagħna, fl-ammont ta’ madwar ħames kilo preċiżament fl-ammont ta’ erbat elef disa’ mija disgħa u erbgħin punt tmien grammi (4,949.8g) bil-purita’ ta’ għaxar punt erba’ fil-mija (10.4%) u bil-valur ta’ disgħa u għoxrin elf sitt mija tmienja u desgħin Euro u tmenin ċenteżmi (€29,698.80).

Illi b’għemilu l-imsemmi Malcolm Joseph Falzon sar ħati talli f’dawn il-Gżejjer u barra minn dawn il-Gżejjer fit-3 ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta qabel din id-data, assoċja ruħhu ma’ persuni oħra f’Malta u/jew ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta (reżina tal-cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Malcolm Joseph Falzon, ħati talli f’dawn il-Gżejjer fit-3 ta’ Mejju elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta’ qabel din id-data, assoċja ruħhu ma’ persuni oħra f’Malta u/jew ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta (resina tal-cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi ko-akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta’ priġunerija għal għomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk

misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IR-RABA KAP

Illi mill-investigazzjonijiet li seħħew u skond il-fatti li rriżultaw kif deskritt fil-kapi preċedenti, b'mod partikolari t-tielet kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, jidher mill-informazzjoni akkwistata mill-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga minn Joseph Zerafa u liema stqarrija ġiet ġuramentata minnu, l-akkużat Falzon kien effettivament ipprovda s-sustanza intenzjonata ai fini tat-traffikar liema droga filfatt instabet fil-pussess ta' Joseph Zerafa, apparti l-fatt illi kien anki ntalab minn persuni oħra sabiex jakkwistalhom ammonti konsiderevoli oħrajn tas-sustanza reżina tal-Kannabis għal skopijiet illeċiti u dan fl-istess perijodu ta' żmien u dan dejjem kontra l-liġi. Apparti minn hekk, skond l-informazzjoni pprovduta l-akkużat kien tħallas tlett mija għal kull sapuna (konsistenti minn madwar tlett kilo u nofs) reżina tal-kannabis u kien iżomm parti minn din is-somma għas-sehem tiegħu f'din l-intrapriża lleċita ta' traffikar.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u mir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18) li tawtorizża lill- akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura id-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhu Malcolm Joseph Falzon sar ħati talli fit- 3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Malcolm Joseph Falzon, ħati talli fit- 3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi Malcolm Joseph Fazlon u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames

mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8(b), 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IL-ĦAMES u L-AĦĦAR KAP

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment t-tielet u r-raba kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar it-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, mill-informazzjoni mogħtija lill-pulizija minn Joseph Zerafa li kien ġie arrestat fil-pussess ta' kważi ħames kilos tad-droga reżina tal-Kannabis, irriżulta b'mod ċar illi l-akkużat Malcolm Joseph Falzon kien filfatt ipprovda hu stess is-sustanza illeċita lil Joseph Zerafa kif ukoll lil xi persuni oħra, liema droga filfatt kienet għal xi żmien fil-pussess fisiku tal-akkużat f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll li din is-sustanza ma kinitx intenzjonata ai fini ta' użu personali u filfatt dina kienet laħqet għaddiet għand Joseph Zerafa bl-iskop li tiġi ulterjormant ittraffikata għal skopijiet ta' lukru u llegalment. Di piu anki li kieku s-sustanza ma kienx laħaq għadda għand terzi persuni fejn filfatt instabet, l-ammont fiħ innifsu ta' erbat elef disa' mija disgħa u erbgħin punt tmien grammi (4,949.8g) tar-resina tal-Kannabis, indubjament ma kinitx tindika skop ieħor għajr għat-traffikar illegali.

Illi r-raża mill-pjanta tal-Cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ko-akkużati kollha ma' kellhom l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikunu fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon sar ħati talli, fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellu għal xi żmien fil-pussess tiegħu, ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li <u>dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu</u>.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Malcolm Joseph Falzon ħati talli, fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) kellu għal xi żmien fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u b'dan

li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi ko-akkużat illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat FALZON nhar it-3 ta' Ottubru 2017 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

a) Għandu jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li l-ewwel żewġ paragrafi tal-parti narrattiva ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża jiġu kanċellati in kwantu ma għandhom ebda rabta ma' l-esponent. B'din l-eċċezzjoni l-esponent ma huwiex qiegħed jirreferi biss għal xi rabta li tista' tirrizulta mill-istruttorja – rabta li ma tistax tkun meritu ta' eċċezzjoni preliminari – izda rabta li b'xi mod tirriżulta mill-istess parti narrattiva ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża;

b) In-nullita` tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża in kwantu l-akkuża ipotizzati ma titkostitwix reat fil-ligi. Infatti l-akkuża ipotizzati fil-parti akkużatorja tirrifletti dak dispost fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjoni tikkostitwixxi biss deroga għar-regola generali dwar piena kontenuta fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali u fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali. A parti minn hekk, it-tentattiv ta' traffikar ta' droga *ut sic* ma huwiex reat;

c) Bla preġudizzju għat-tieni eċċezzjoni, in-nullita` tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap. Infatti l-elementi neċessarji għat-tentattiv (il-parti akkużatorja f'dan il-kap hija limitata għat-tentattiv), kif deskritti fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, ma jsibu ebda riskontru fil-parti narrattiva ta' l-istess kap;

d) In-nullita` tat-tielet, ir-raba' u l-ħames kapi ta' l-att ta' l-akkuża – li huma msejjsa fuq l-evidenza ta' Joseph Zerafa – in kwantu, fil-parti narrattiva tagħhom, ma ġie bl-ebda mod indikat kif din l-evidenza hija korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi r-reat allegat. Din il-korroborazzjoni kienet neċessarjament rikjesta fiż-żmien indikat f'dawn it-tlett kapi mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-emenda introdotta permezz ta' l-artikolu 21 ta' l-Att XVI ta' l-2006 kienet għadha ma daħlitx in vigore;

e) L-inammissibilita` tal-partijiet ta' l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi relatati ma' proċeduri ta' terzi u inkluzi biss biex joħolqu preġudizzju ingust lill-esponent, liema eċċezzjoni ta' inammissibilita` qed tingħata in bażi ghal nuqqas ta' rilevanza manifesta;

f) L-inammissibilita` ta' kull dikjarazzjoni u xiehda magħmula minn Joseph Zerafa f'perijodu meta hu kien ko-akkużat.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn fid-dawl tal-fatt li l-ħames eċċezzjoni ġiet irtirata mid-Difiża skont kif jirriżulta mill-atti permezz ta' nota tal-akkużat datata 10 ta' Diċembru 2018, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel eċċezzjoni preliminari**

4. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant. Fl-Artikolu 589 il-Kodiċi Kriminali jelenka x'għandu jkun fih l-Att ta' Akkuża. Fosthom hemm l-obbligu tal-Avukat Ġenerali li jagħmel l-espożizzjoni tal-fatti billi jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena. F'din l-esposizzjoni tal-fatt, l-Avukat Ġenerali hu konċess ċertu grad ta' liberta dwar kif jesponi dawn il-fatti, li pero jrid jirrifletti l-mod kif ikun fehem il-provi miġbura matul il-kors tal-proċess istruttorju. Biss din in-narrativa tiegħu ma tikkostitwix "il-prova" tal-fatt. Il-prova hija msejsa fuq dak li oġġettivament jirriżulta mill-evidenza li tkun ġiet miġbura matul l-istruttorja u li eventwalment jiġi preżentat fil-kors tal-ġuri għall-ġudizzju tal-Ġurija. Din il-Qorti għalhekk f'din l-analiżi tagħha ma tistax tinoltra ruħha fuq dan l-aspett in kwantu mhix vestita bis-setgħa tal-ġudizzju dwar il-fatti tal-każ. L-anqas tista' tistħarreġ jekk dik in-narrattiva tal-Avukat Ġenerali tirriżultax imsejsa jew imsaħħa mill-provi prodotti fl-istruttorja. Dik hija setgħa riżervata għall-ġudizzju tal-Ġurija. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd u jorbot lil ġurati hija l-evidenza li tkun miġjuba lilhom u li toħroġ matul il-kors tal-ġuri.

5. Fil-kawża tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 intqal hekk:

25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :

"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –

(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;

(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;

(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u

(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."

26. **Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.**[1]

27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.

.../.....

**Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha**.[2] Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

6. Għalhekk, l-iskop tal-Att ta' Akkuża mhux daqstant dak illi jorbot lill-ġurati bil-kontenut tiegħu iżda jservi biss sabiex l-akkużat permezz tal-fatti hemm elaborati jkun jista' jkollu stampa ċara tal-akkużi li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu b'mod li huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

7. L-Avukat Ġenerali jinkludi fl-ewwel żewġ paragrafi tal-parti narrativa tal-ewwel kap tal-Att ta' Akkuża lil ċertu Carmelo Luca, b'rabta ma' investigazzjoni li kienet qegħda ssir mill-Pulizija fuq suspett ta' ċirku ta' persuni nvoluti fin-negozju tad-droga. L-Avukat Ġenerali jorbot lil dan Carmelo Luca mal-akkużat fl-isfond ta' riżultanzi investigattivi u probatorji li l-Avukat Ġenerali jgħid li l-Prosekuzzjoni ottjeniet u li kienet torbot lill-akkużat f'dak iċ-ċirklu ta' negozju fid-droga tal-abbuż. Din ir-rabta tal-akkużat FALZON ma' Luca ġiet imsemmija mill-Avukat Ġenerali fl-ewwel u fit-tieni paragrafi ta' dan l-ewwel Kap u ċjoe' f'dawn iż-żewġ paragrafi li l-akkużat qiegħed jittenta jħassar, fejn ingħad is-segwenti:

> Apparti minn hekk[3] u **fl-istess ħinijiet waqt din l-osservazzjoni ġiet innutata persuna ħierġa mill-lukanda Sensi li tinsab fl-istess Triq il-Maħsel[4]**, Marsascala fejn din il-persuna kienet qed iġorr basket imdaqqas tal-karti. Din il-persuna ġiet innutata dieħla ġewwa għalqa viċin din il-lukanda fejn mumenti wara ġiet innutata ħierġa mill-istess għalqa iżda mingħajr dan il-basket. **Meta l-pulizija avviċinaw lil din il-persuna fuq suspett raġonevoli li seta' kellu xi rabta mal-interċettazzjoni ta' Carmelo Luca li kien għadu kif ġie arrestat[5]**, hu ġie identifikat bħala Malcolm Joseph Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

8. Att ta' Akkuża jista' jikkontjeni iżjed minn akkuża waħda kontra l-istess akkużat, u li dawn l-akkużi jridu jiġu kull Kap tal-Att ta' Akkuża huwa kapitolu separat għalih in kwantu l-artikolu 593(1) tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li :

> żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda,għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta'akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li xi wieħedminn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħedminnhom għandha titħares id-dispożizzjoni tal-artikolu 589.

9. Mill-banda l-oħra pero il-Liġi ma teskludix li fil-parti narrativa tagħhom dawn id-diversi Kapi jkunu jistgħu jkunu bażati fuq

[3] B'referenza kwindi għal dik il-parti tal-investigazzjoni konċernanti l-ko-akkużat Carmelo Luca.
[4] Enfasi ta' din il-Qorti.
[5] Enfasi ta' din il-Qorti.

narrativa simili jew komuni. Fil-fatt bosta drabi hekk jiġri. Anke f'dan il-każ, jirriżulta li sar dan. Fil-fatt fit-tieni Kap tal-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali, dejjem b'referenza għall-fatti kif esposti fl-ewwel kap tal-istess Att ta' Akkuża, ikompli jibni fuq din in-narrattiva li tirrifletti t-teżi tiegħu tal-involviment tal-akkużat fl-istess ċirku tad-droga li kien involut fih Carmelo Luca. Infatti fl-ewwel paragrafu tat-tieni Kap tal-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għal stqarrija li jgħid li rrilaxxja Carmelo Luca u jżid is-segwenti:

> Illi b'referenza għall-fatti kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-att ta' akkuża u ċjoe nhar it-28 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), senjatament waqt l-investigazzjoni li għamlu l-pulizija wara l-arresti ta' Carmelo Luca kif ukoll tal-akkużat, irriżulta minn dak li kien iddikjara magħhom skond il-liġi Carmelo Luca illi parti mis-sustanza li kienet instabet fil-pussess tiegħu **kien iddestinat għal Malcolm Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.**[6]

10. L-Avukat Ġenerali jibni t-teżi tiegħu li hemm rabta bejn dawn iż-żewġ persuni u s-sejbien ta' droga rispettiva. Jekk din ir-rabta hix vera jew fittizja, jekk hix mibnija fuq provi sodi jew hix konġettura, jekk hix riferenza essenzjali għall-każ, kompletament superfluwa jew newtri, hi kwistjoni ta' fatt li hija rimessa lil ġudikanti tal-fatt jiddeċiedu dwarha u mhix għal din il-Qorti li tiddeċiedi. Dak li din il-Qorti tista' tgħid li dan l-ewwel Kap jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi ta' att akkużatorju li jista' jipproċedi għall-ġuri.

11. **Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat:**

**It-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari**

12. Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-akkużat FALZON jikkontendi li t-tieni Kap tal-Att ta' Akkuża huwa null minħabba li l-akkuża tirrifletti d-diċitura tal-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li pero ma jikkostitwix reat iżda deroga għar-regola ġenerali konċernanti l-

---

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

piena li tkun tista' tiġi inflitta. Isostni wkoll li r-reat ta' tentattiv ta' traffikar ta' droga ut sic mhux reat.

13. L-Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> Kull min jittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew iħajjar jew iġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, mingħajr preġudizzju ta' kull responsabbiltà oħra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taħt din l-Ordinanza.

14. Huwa minnu li din id-dispożizzjoni tal-Liġi titkellem dwar piena. Iżda l-fatt stess li tippreskrivi '**l-istess piena'** u konfiska **daqs li kieku l-akkużat ikun ikkommetta reat taħt din l-Ordinanza** ifisser li hija l-Liġi stess li tipprospetta xenarju ta' tentattiv ta' reat kontra dik l-Ordinanza. Il-Liġi tippreskrivi li għall-fini ta' piena, m'għandux ikun hemm differenza bejn il-kommissjoni ta' reat kunsmat bi ksur tal-Ordinanza u t-tentattiv li jiġi kommess dan ir-reat.

15. Apparti minn hekk, l-istitut tat-tentattiv innifsu mhux reat *per se ipse*. F'dan il-każ, ir-reat huwa kostitwit b'dik il-kondotta speċifikata mill-Ordinanza bħala li tkun ta' tsur tad-disposizzjonijiet tagħha jekk tiġi kommessa. L-istess Ordinanza imbagħad televa għall-istess grad ta' piena imponibbli għal din il-kondotta speċifikata anke l-figura tat-tentattiv ta' dik il-kondotta speċifikata.

16. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali qiegħed jipprospetta li bejn l-akkużat u Carmelo Luca kien ser ikun hemm attivita ta' traffikar ta' droga (kondotta speċifikata bħala li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza de quo) u li dan it-traffikar ta' droga bejniethom ma seħħx biss minħabba l-intervent tempestiv tal-Pulizija li waqqfet it-traġitt tad-droga mingħand Luca għal għand l-akkużat FALZON.

17. Jerġa jiġi ribadit li f'dan l-istadju mhux kompitu ta' din il-Qorti li tistħarreġ jekk mill-provi jirriżultawx l-elementi tar-reat ta' traffikar ta' droga hekk kif definit fil-Liġi jew ta' tentattiv ta' traffikar ta' droga.

18. Qabel xejn, kontra dak eċċepit mill-akkużat, dawn il-Qrati f'diversi sentenzi tagħhom aċċettaw li r-reat ta' traffikar ta' droga jista' jiġi integrat kemm fil-forma kunsmata, kemm fil-forma tentata tiegħu. Ara f'dan is-sens, inter alia, **Il-Pulizija vs. AB**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Marzu 2009; **Il-Pulizija vs. John sive Jean Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Diċembru 2009; **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deċiża mill-

Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-2t t'Ottubru 2010 u wkoll **Il-Pulizija vs. Domenic Fava**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Frar 2002 fejn dik il-Qorti, presjeduta mill-ġja Imħallef Dr. Vincent de Gaetano stqarret li

> Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, li wiehed joffri li jipprovdi d-droga – u li wiehed joffri li jbiegh minn dak li jkollu fuqu jammonta ghal offerta ta' provvista – jammonta ghal traffikar f'dik id-droga. U dan apparti li t-tentattiv ta' bejgh ta' droga, li f'dan il-kaz certament kien hemm, hu punibbli daqs li kieku r-reat gie kkunsmat – ara l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101.

19. Bil-parti narrativa, ai termini tal-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jrid ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena. Qari tal-ewwel żewġ paragrafi tat-tieni Kap tal-Att t'Akkuża turi li l-Avukat Ġenerali jistqarr li l-akkużat Malcolm Joseph FALZON kien id-destinatarju ta' dik id-droga li nstabet fil-pussess ta' Carmelo Luca fl-ammont ta' madwar sitt kilos raża tal-cannabis. Din id-droga għalhekk kienet fi kwantita' tali li tixhed li ma kinitx sejra tgħaddi għandu għall-użu esklussiv tiegħu iżda li kienet intiża għad-distribuzzjoni. It-test tal-Att ta' Akkuża f'dan it-tieni kap tiegħu jaqra hekk:

> ..irriżulta minn dak li kien iddikjara magħhom skond il-liġi Carmelo Luca illi parti mis-sustanza li kienet instabet fil-pussess tiegħu kien iddestinat għal Malcolm Joseph Falzon qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri. Infatti fost it-tfittxijiet u s-sejbiet li kienu rriżultax in konnessjoni mal-imsemmi Carmelo Luca kien instab l-ammont ta' madwar sitt kilo raża kannabis, speċifikatament ħamest elef tmin mija tnejn u ħamsin punt sittax il-gramma (5852.16g) bil-purita' ta' madwar 8.5%, liema sustanza kienet instabet ġewwa vettura tal-għamla Kia Picanto ta' lewn isfar bin-numru ta' reġistrazzjoni DQZ 639 li kienet filfatt misjuqa mill-imsemmi Carmelo Luca fil-mument li ġiet interċettat u fejn ftit 'il bogħod minnu kien ġie interċettat u eventwalment arrestat l-akkużat Falzon.

20. Fit-tieni paragrafu ta' dan it-tieni Kap tal-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali jgħid hekk:

> Illi evidentement irriżulta li Malcolm Joseph Falzon għamel tentattiv sabiex jittraffika is-sustanza imsemmija, fl-eventwalita' li din wasslet għandu skond kif seta' jiġri jekk Carmelo Luca għaddilu l-imsemmija droga kif fil-fatt kien intiż li jsir. Li kieku ma kienx għall-prontezza tal-pulizija investigattiva f'dan

il-każ li arrestawhom entrambi f'ħinhom u f'waqthom, dan it-traffkar seta' essenzjalment irnexxa.

21. Illi r-reat ta' traffikar ta' droga huwa suġġett għal tifsira – mhux eżawrjenti - elaborata fl-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li, skont il-Liġi viġenti fiż-żmien tal-kommissjoni tal-allegat reat kienet taqra hekk:

> (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza….

22. Mill-banda l-oħra, mill-kliem testwali adoperat mill-Avukat Ġenerali kif ingħad iktar 'il fuq f'dan il-Kap t'Akkuża ma tirriżultax biss inklużjoni ta' atti li jistgħu jaqgħu taħt it-tifsira ta' traffikar ta' droga, iżda hemm ukoll narrativa li turi wkoll l-elementi tat-tentattiv ta' reat, fejn il-figura tat-tentattiv ta' reat hija definita fl-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali b'dan il-mod:

> (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra,
> (a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;
> (b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħatijkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-pienagħall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi

23. Kif intqal iżjed il-fuq, l-iskop aħħari wara l-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali huwa sewwasew sabiex l-akkużat ikun jista' jipprepara b'mod sħiħ u adegwat id-difiża tiegħu in kwantu jkollu biżżejjed dettalji sabiex ikun jaf biex ikun qiegħed jiġi akkużat. U din il-Qorti li l-Att ta' Akkuża f'dan it-tieni Kap mhux karenti minn dawk il-fatti li jeżiġi l-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

24. Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx bażi għall-akkoljiment tal-argumentazzjoni tal-akkużat favur id-dikjazzjoni tan-nullita' ta' dan il-Kap.

25. L-Avukat Ġenerali kien ċar fil-parti narrativa dwar liema fatti huwa kien qiegħed jirreferi għalihom bħala li kienu bi ksur tal-Ordinanza u proċeda fil-parti akkużatorja biex xela' lill-akkużat bit-tentattiv ta' dak ir-reat – f'dan il-każ tentattiv ta' traffikar ta' droga cannabis. Dan jassigura li l-akkużat kien jaf sewwasew biex huwa kien qiegħed jiġi mixli. Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi l-istess piena għall-min jinsab ħati tar-reat kontra l-Ordinanza anke għal dak li jiġi misjuba ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat.

26. Din il-Qorti pero, wara li rat l-artikolu 599 tal-Kodiċi Kriminali, u ġaladarba bis-saħħa tal-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġja ċitat fl-att tal-akkuża u stante li minħabba f'dan l-artikolu l-posizzjoni tal-akkużat mhix se tiġi aggravata, għal fini ta' iżjed kjarezza, qegħda tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża billi fil-parti akkużatorja tinkludi wkoll ir-riferenza għall-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-artikoli 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 2, 4(a), 9, 15 u 16 tal-Liġi Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta ossija n-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939, kif emendata.

Għaldaqstant, bla ħsara għal dak mistqarr u deċiż iżjed il-fuq, **it-tieni u tielet eċċezzjoni qiegħdin għalhekk jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat:**

**Ir-Raba' u s-Sitt eċċezzjonijiet**

27. F'din ir-raba' eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat FALZON jeċepixxi n-nullita' tat-tielet, ir-raba' u l-ħames Kapi tal-Att ta' Akkuża għaliex isostni li fil-parti narrattiva tagħhom ma ġietx indikata evidenza korraborativa sabiex torbot lill-akkużat mar-reati hemmhekk akkużat bihom in kwantu dawn il-Kapi huma bbażati biss fuq il-kontenut ta' evidenza mogħtija minn Joseph Zerafa.

28. Illi jibda biex jingħad li jirriżulta kif Joseph Zerafa huwa wieħed minn dawk il-persuni li l-Pulizija arrestat b'rabta ma' negozju ta' droga li kien jinvolvi madwar ħames kilogrammi ta' sustanza suspettata reżina tal-cannabis. Jirriżulta li l-akkużat Malcolm Joseph FALZON kien ġie implikat minn dan l-istess Joseph Zerafa permezz

ta’ stqarrija ġuramentata mogħtija lill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke nhar l-20 ta’ Jannar 2010 bħala persuna parti minn dan iċ-ċirklu ta’ negozju fid-droga. Din id-deposizzjoni imbagħad ġiet segwita bix-xiehda ta’ Joseph Zerafa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-1 ta’ Ġunju 2016 kif ukoll fit-13 ta’ Lulju 2016.

29. Illi l-posizzjoni ġuridika dwar din l-eċċezzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti hija indirizzata bid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), inter alia, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mahud Ali Amber** deċiża nhar it-28 ta’ Ġunju 2007 kif segwita mis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Norman Bezzina** deċiża nhar l-20 ta’ Frar 2014. Fil-fatt fis-sentenza **Bezzina** ġie ribadit il-prinċipju li :

> **7.** L-appellant jibda[1] biex jissottometti illi fl-indirizz ta’ l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata dwar l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[1] 2.1 fir-rikors ta’ appell.

> **8.** L-appellant jgħid illi fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rrefera għall-artikolu 639(3) kif kien qabel ma ġie emendat fl-2006. Filwaqt illi dan is-subartikolu kien qabel jipprovdi illi x-xiehda tal-kompliċi waħedha mhijiex biżżejjed biex akkużat jiġi misjub ħati sakemm mhux korroborata b’ċirkostanzi oħra, bis-saħħa ta’ l-Att XVI tas-sena 2006, is-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali ġie sostitwit u llum jaqra kif ġej:
>
> **“Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema’ quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b’kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.”**

**9.** L-imsemmi subartikolu (3) kif inhu llum ġie fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 231 tas-sena 2006. Għalkemm din l-emenda ġiet fis-seħħ ferm wara d-data meta ġew kommessi r-reati addebitati lill-appellant, hija tifforma parti mid-dritt proċedurali u għaldaqstant mhuwiex applikabbli l-prinċipju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, kienet applikabbli meta ġie ċelebrat il-ġuri in kwistjoni. Bħalma ġie ritenut f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Mahmud Ali Amber**, deċiż minn din il-Qorti diversament komposta fis-17 ta' Mejju 2007:

"Issa, kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

**"'Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[2] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[3]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice* [4]:**

---

[2] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[3] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[4] Sweet & Maxwell (London), 2001.

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."*** *5*

---

5 P. 282, para. 10-05.

**"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."**

"M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici,

illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat."

**8.** Jiġifieri fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kellu semmai jirreferi għall-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali kif ġie sostitwit bl-Att XVI tas-sena 2006. L-appellant jgħid illi bin-nuqqas imsemmi, il-ġurati kienu qegħdin jiġu indirizzati fis-sens illi "d-difiża fl-argumentazzjoni tagħha ssottomettitilhom prinċipju legali li fil-fatt ma jeżistix. Hawnhekk għalhekk il-ġurija kellha kull raġuni tasal għall-konklużjoni illi b'dak li kien qiegħed jindirizzahom fl-arringa tiegħu l-avukat difensur, jew kien żball ġenwin da parti tiegħu jew inkella ried jiżvijahom. Jekk il-ġurija interpretat li dan kien żball ġenwin, allura f'għajnejn il-ġurija, id-difiża fl-argumentazzjoni fattwali u legali fl-arringa u l-kontro-replika setgħet kienet żbaljata f'partijiet oħra. Jekk waslu għall-konklużjoni li allura d-difiża kienet qed tiżvijahom, fi kliem vulgari, qed tgħaddihom biż-żmien, allura ma setgħux jieħdu lid-difiża bis-serjeta` dwar it-trattazzjoni tagħha sew dwar punti ta' liġi oħra, u sew dwar sottomissjonijiet u argumentazzjonijiet dwar il-fatti." Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn huma biss konġetturi peress illi, nonostante l-iżball imsemmi, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mhux talli ma ċaħadx dak li kienet qalet id-difiża iżda saħansitra kkonfermah meta qal:

**"F'dan il-każ id-difiża għamlitilkom referenza għal dawn l-erba' kelmiet, u jekk ix-xiehda hijiex imsaħħa minn xiehda oħra. U spjegatilkom illi fil-każ ta' kompliċi tridu toqogħdu attenti għal dik ix-xiehda peress illi l-kompliċi jkollu interess li b'xi mod jew ieħor idawwar ir-responsabbiltajiet. Allura tridu toqogħdu attenti li dik ix-xiehda kif inhi ma toħduhiex mingħajr dawk il-kawteli li ġew riferiti lilkom."**

**9.** Huwa minnu illi f'dan il-punt l-Imħallef sedenti jkompli billi jagħmel referenza għall-artikolu 639(3) kif kien oriġinarjament:

**"Hu veru li l-liġi tgħid li fil-każ ta' kompliċi xhud irid ikun korroborat. Fil-fatt l-artikolu 639 ta' l-istess Kodiċi, sub-section (3), meta xhud ikun il-kompliċi u x-xiehda tiegħu ma tkunx biżżejjed korroborata b'ċirkostanzi oħra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud waħdu ma tkunx biżżejjed biex l-akkużat jiġi misjub ħati. Kwindi dan l-artikolu qed jagħti din il-gwida li fil-każ ta' kompliċi jekk ix-xiehda tiegħu ma tkunx korroborata minn ċirkostanzi oħra x-xiehda tiegħu waħdu mhijiex biżżejjed. Din hija r-regola ġenerali."**

**10.** Imbagħad ikompli hekk:

**"Pero` taħt il-Kapitolu 101 li huwa l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi hemm artikolu ieħor, li wkoll jagħti gwida għal x'hiex kif għandek tikkunsidra xhud ta' kompliċi f'każijiet ta' drogi, mhux f'każijiet oħra. U l-artikolu 30 jgħidlek li x-xiehda ta' dik il-persuna fi proċediment kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Issa tgħiduli int l-ewwel għidtilna mod u issa qed tgħidilna ieħor. Veru. Pero` jiena nista' niggwidakom u ngħidilkom illi f'dan il-każ huwa dan l-artikolu, din l-Ordinanza tal-Mediċini Perikolużi li għandha tapplika. L-oħra hija parti mil-liġi ġenerali, hija parti mil-liġi kriminali. Din hija liġi speċjali u bħala liġi speċjali tirbaħ fuq dik ġenerali.**

**"In suċċint dan ifisser illi jekk intom temmnu d-deposizzjoni ta' Simon Xuereb mingħajr korroborazzjoni, mingħajr ix-xiehda l-oħra, jekk intom temmnuh, dak huwa biżżejjed sabiex issibu ħtija għax għandkom il-konfort ta' dan l-artikolu li fil-każ tad-drogi jgħidlek ċar u tond illi x-xiehda ta' persuna m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."**

**11.** Jiġifieri d-direzzjoni li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta lill-ġurati kien li kellhom jagħtu każ l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta'

Malta u mhux l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ciononostante, wara *break* qasir li fih jidher illi d-difiża attirat l-attenzjoni ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għat-tibdil li kien sar fl-artikolu 639(3) u għall-interpretazzjoni ta' l-artikolu 30, l-Imħallef indirizza lill-ġurati b'dan il-mod:

**"Kont qed ngħidilkom rigward il-korroborazzjoni. Fil-fatt m'għandi xejn x'inżidilkom għal dak li għidt ħlief illi oqogħdu attenti meta tiġu għax-xiehda tal-kompliċi, illi tikkunsidraw b'ċertu kawtela, tikkunsidraw bil-kawtela dak illi jingħad."**

**12.** L-appellant jilmenta illi anke fir-rigward ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 101 kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-liġi. Jgħid li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma qarax l-artikolu kollu lill-ġurati. Jgħid illi dak l-artikolu ma jirrigwardax l-każijiet kollha tad-droga, iżda l-każijiet ta' "meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza". Għalhekk, isostni l-appellant, dak l-artikolu ma kienx intiż għal delitti ta' assoċjazzjoni, importazzjoni jew pussess ta' droga, iżda għat-traffikar. Konsegwentement, jgħid l-appellant, huwa l-artikolu 639(3) li japplika għar-reati li bihom ġie akkużat l-appellant.

**13.** L-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: **"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi ohra."**

**14.** L-ewwelnett jiġi osservat illi l-kliem **"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali"** (fit-test Ingliż: "Notwithstanding the provisions

of article 639(3) of the Criminal Code") ifissru illi l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 30 tal-Kap. 101, iżda japplika l-imsemmi artikolu 30. Iċ-ċirkostanzi mbagħad huma dawk speċifikament imsemmija f'dan l-artikolu, cioe` li x-xhud irid ikun xtara, xort'oħra kiseb jew akkwista mediċina perikoluża mingħand l-akkużat. Għalhekk fil-każ odjern, sakemm ma jirriżultax mill-provi illi l-appellant biegħ, jew b'xi mod wassal biex ix-xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni jiksbu jew jakkwistaw il-kokaina, dan l-artikolu ma japplikax u jkun applikabbli l-artikolu 639(3) kif mibdul. Bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara** moghtija fis-17 ta' Jannar 2008, il-fatt li x-xiehda tal-komplici issa ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li qabel kienet rikjesta, **"jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti jew, fil-każ ta' ġuri, fuq il-ġurati, li jeżaminaw sew u bid-dettal id-deposizzjoni ta' tali xhud u ta' xiehda u provi oħra biex jaraw jekk għandux jitwemmen, u jekk jitwemmen m'hemm l-ebda ħtieġa ta' korroborazzjoni."** Dan irid jiġi spjegat f'termini ċari lill-ġurati mill-Imħallef li jippresjedi l-ġuri.

30. Għalhekk indipendentement għal dak li jistgħu jaslu għalih il-ġurati, jibqa' l-fatt li l-artikolu applikabbli għal dan il-każ huwa l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali kif emendat u mhux l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali viġenti fil-jum ta' meta seħħ il-każ.

31. Illi huwa minnu li Joseph Zerafa jista' jinkwadra bħala persuna li fil-mument meta allegatament seħħ l-att, kien klassifikabbli bħala ko-awtur, ko-akkużat jew kompliċi. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut,**[7] il-Qorti tal-Appell Kriminali irrilevat is-segwenti:

> Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia"**. Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija

[7] Deċiża nhar is-16 ta' Novembru 2006.

jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella**" [4.2.2004] u ohrajn.). L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

32. Bl-istess mod, Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**[8] sostniet is-segwenti:

Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. **Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż.**[9] Dan il-prinċipju japplika sia jekk il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor b'mod li jkun hemm ko-akkużat fil-veru sens tal-kelma-u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati.

33. Iżda peress li dan huwa każ ta' allegat ksur tal-Ordinanza, japplikaw fil-konfront tal-istess każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din hija dispożizzjoni partikolari u speċifika, sa ċertu punt eċċezzjonali, in kwantu tidderoga mir-regola ġenerali kontenuta fl-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu tirrendi bħala ammissibbli fil-Liġi stqarrija ta' ko-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor. Fil-każijiet fejn japplika l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi stess tirradika l-kompetenza lil persuna biex tikkonferma dikjarazzjoni bil-ġurament anke jekk tkun ko-akkużata, ko-awtriċi jew kompliċi ma persuna oħra. Bis-saħħa tal-istess Liġi, ix-xhieda ta' ko-akkużat, ko-awtriċi jew kompliċi - minkejja li tkun timplika mhux lilu biss iżda anki lil persuna oħra kemm jekk din tkun kompliċi jew ko-awtriċi – hija ammissibbli bħala prova u ma tistax tiġi skartata minħabba f'li ingħatat minn ko-akkużat. Għalhekk l-akkużat m'għandux raġun fl-argument tiegħu li dawn l-istqarrijiet magħmula ai termini tal-Artikolu

[8] Decided nhar il-31 ta' Lulju 1998.
[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu a priori ddikjarati inammissibbli.

34. U l-Liġi hija wkoll ċara in kwantu din l-istqarrija, kemm -il darba tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat tista' tinġieb bħala prova kontra l-ko-akkużati kollha l-oħra kemm -il darba pero' l-istess persuna li tkun għamlitha tixhed viva voce fil-proċeduri tal-persuna implikata permezz tal-istqarrija hekk magħmula u dan skont ir-regola ddettata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

35. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju 2006 fejn il-Prim'Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano qal is-segwenti:

> L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' listess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.

36. Illi bl-istess mod ingħad mill-Qorti Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** fejn ingħad is-segwenti:

S’intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikoli 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta’ Magistrat taht issubartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta’ inkjesta dwar l-in genere b’modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere (bhalma hi dik a fol. 137 sa 144) tista’ tingieb bhala prova, u mhux semplicement ghallfinijiet ta’ kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce...hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista’ jinsab... (ara lproviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).

37. Il-ġurisprudenza daħlet ukoll ċerti prinċipji regolaturi fir-rigward ta’ kif tali xiehda tista’ tiġi użata fi proċeduri kriminali li jkunu jinvolvu ko-akkużati, ko-awturi jew kompliċi. Anzi iżjed minn hekk u b’mod speċifiku fir-rigward tal-każ tal-applikabbilta tal-evidenza miġbura fis-sensi tal-artikolu 30A tal-Kap 101 jew l-ekwivalenti tiegħu 121B tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ramon Fenech** deċiż fit-23 ta’ Frar 2017 intqal hekk:

16. Hawn din il-Qorti sejra tirreferi fl-ewwel lok għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta’ Ottubru 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta v. Charles Paul Muscat fejn kienet ġiet eċċepita l-inammissibilita` ta’ l-istqarrijiet ġuramentati ta’ żewġ persuni kompliċi peress li ma xehdux fl-Istruttorja u l-artikolu 30A ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. F’dik is-sentenza ġie osservat hekk:

“... Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura l-akkużat ma jkollu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda, l-istqarrijiet ġuramentati tagħhom ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.

“9. Apparti hekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq issegwenti punti:

- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.

- ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f’dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).

- fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.12

- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali."

38. Ġie deċiż allura li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mhux eċċezzjoni għar-regola dettata mill-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li hija soġġetta wkoll għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 646(1) tal-imsemmi Kodiċi. Għalkemm konfessjoni mogħtija minn ko-akkużat li tkun inkriminanti fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor hija ammissibbli fil-Liġi bis-saħħa tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-persuna li tirrilaxxja tali stqarrija **xorta waħda trid tagħti x-xhieda tagħha viva voce fil-proċeduri**. Din ikollha kull dritt li tużufruwixxi mid-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha fil-waqt li l-proċeduri kontra tagħha jkunu għadhom ma sarux res judicata. Iżda hekk kif il-proċeduri kontra tagħha jinqatgħu definittivament, allura hija għandha tieħu l-pedana tax-xhieda bħal kull xhud ordinarju ieħor.

39. L-istess intqal fil-kawża **Il-Pulizija vs. Jeffrey Zammit** deċiża nhar is-26 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi: "Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra." Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."

Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun

offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. **Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.**[10] Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."

40. Illi dan ikun għalhekk ifisser li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiskatta mekkaniżmu fil-Liġi fejn dikjarazzjoni magħmula minn ko-akkużat hija meqjusa ammissibbli kontra ko-akkużat ieħor jekk magħmula skont id-dettami tal-istess u hi produċibbli fil-ġuri kontra l-ko-akkużat li jkun ġie implikat biha. S'intendi, kif ingħad anki fil-ġurisprudenza appena ċitata, jekk dak li jkun stqarr il-persuna li tirriaxxja tali dikjarazzjoni – f'dan il-każ Joseph Zerafa - għandux mis-sewwa jew le huwa materja li trid tiġi mistħarrġa mill-ġurati fl-istadju tal-ġuri. U hija wkoll ġurisprudenza li f'każijiet konsimili, Joseph Zerafa jrid jinġieb biex jixhed viva voce matul il-ġuri.

41. B'hekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument fis-sitt eċċezzjoni fis-sens li kull stqarrija magħmula minn ko-akkużat fil-perjodu meta kien ko-akkużat hija inammissibbli. Il-ġurisprudenza tammetti li, ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, stqarrija magħmula taħt dak l-artikolu hija ammissibbli kemm -il darba din il-persuna li tkun għamlitha, titella' tixhed viva voce fl-istadju tal-ġuri, u kemm-il darba l-proċeduri fil-konfront tagħha jkunu hekk saru *res iudicata* u dan a tenur tar-regola dettata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, interpretata *a contrario senso*. Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** deċiża nhar is- 6 ta' Lulju 2016 intqal hekk:

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"

Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: "Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat." **Issa allura dan ifisser illi ai termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront ta'l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi.**[11] Li hu certu huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-deposizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma iwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminhom. Fil-fatt meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gjaldarba l-akkuzat ma inghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn neis fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebieta in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce."

42. U f'dan l-istadju din il-Qorti sejra tikkwota testwalment lil Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** deċiża nhar is- 6 ta' Lulju 2016:

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

5. Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-parti rilevanti tas-sentenza appellata li tagħha qed tintalab ir-revoka:

"Illi l-ewwel eccezzjoni imressqa 'il quddiem mill-akkuzat tolqot l-istqarrija guramentata moghtija mix-xhieda ewlenin tal-prosekuzzjoni Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo a tenur ta' l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux fil-kors tal-kumpilazzjoni u dan sabiex ma jinkriminawx rwiehhom f'proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghhom fuq l-istess kaz. Gjaladarba, allura dawn iz-zewg xhieda ma xehdux fl-atti kumpilatorji, id-difiza targumenta illi l-prova li hemm fl-atti konsistenti fl-istqarrijiet guramentati taghhom hija inammissibbli f'dan l-istadju billi ma jezistux il-garanziji kollha skont il-ligi ghall-kontroll ta' dak mistqarr minnhom minn naha ta' l-akkuzat li allura ma kellux l-opportunita` li jikkontrolla tali xhieda permezz tal-kontro-ezami. In sostenn ta' l-argument minnha imressaq id-difiza tinvoka l-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni taghna u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn is-smigh xieraq moghti lill-persuna akkuzata huwa mhares.

"Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` fil-kawzi dwar id-drogi, il-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu tal-Kapitolu 31 [*recte:* l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101) jipprovdi espressament illi: ***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."***

Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"

Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 1 Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003 6 u cioe: "Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex

jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat." **Issa allura dan ifisser illi ai termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront ta'l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi.**[12] Li hu certu huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-deposizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma iwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminhom. Fil-fatt meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gjaldarba l-akkuzat ma inghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn neis fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebieta in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce."

"Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argument minnu imressaq li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura l-Qorti u cioe` l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill- Prosekuzzjoni. Izda dan jista' jsir biss fl-istadju meta allura jkun qed jinstema' l-process penali fil-konfront ta' l-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita` probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghal Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-deposizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkriminawx rwiehhom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu iggwidati meta jigu biex jiznu l-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex ***'The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency.'***

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46] , inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."

Dan ifisser allura illi hemm erba kriterji li iridu jigu ikkunsidrati:
1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.
2. il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta'l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.
3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.
4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza Saidi v France (1993 - 17 EHRR 251) inghad :- "The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected." (sottolinjar tal-Qorti).

Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li ikunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma ikunux xehdu quddiem il-Qorti viva voce ghaliex din wahedha ma tistax twassla ghal inammissibilita ta' prova li l-ligi tqies bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu imsejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni ghal smiegh xieraq f'kull process penali ma jigiex mittiefes.

Ghaldaqstant, ghalkemm din l-ewwel eccezzjoni qieghda f'dan l-istadju tigi michuda, madanakollu il-Qorti qed tirriserva li tipprovdi dwar l-istess billi taghti d-direzzjoni opportuna lill-gurati fl-istadju tal-guri in konnessjoni ma' l-ammissibilita` o meno tal-prova konsistenti fix-xhieda guramentata ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo li jinsabu esebiti in atti, fl-eventwalita` illi l-imsemmija zewg xhieda ma joffrux id-deposizzjoni taghhom *viva voce*."

6**.** L-aggravju ta' l-appellant Charles Paul Muscat, kif ingħad, jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddisponiet mill-ewwel eċċezzjoni tiegħu. L-appellant jgħid:

"Illi ghandu jigi premess li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa msejjes esklussivament fuq l-allegazzjonijiet ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo. L-esponent pjuttost jaqbel ma' l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti Kriminali u l-lament tieghu jirrigwarda biss il-fatt li din l-eccezzjoni kellha tigi deciza b'dikjarazzjoni cara li l-istqarrijiet guramentati ta' dawn iz-zewg xhieda huma inammissibbii sakemm l-istess xhieda ma jixhdux *viva voce* waqt il-guri. B'hekk biss huwa jkun jista' jipprepara d-difiza tieghu f'dan il-kaz.

"Illi l-Onorabbli Qorti Kriminali rriteniet ukoll li fl-eventwalita` li z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ma joffrux id-deposizzjoni taghhom waqt il-guri minhabba l-pendenza tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom, 'f'dak l-istadju l-gurati ghandhom jigu iggwidati meta jigu biex jiznu l-valur probatorju tal-istqarrijiet

guramentati'. Jinghad bl-akbar rispett li fl-eventwalita` li tavvera ruhha tali sitwazzjoni, ghandu jigi dikjarat li dawk l-istqarrijiet guramentati huma inammissibbli u mhux li jigi dibattut il-valur probatorju taghhom. Kif jista' l-esponent ikollu smigh xieraq jekk xiehda li qatt ma setghet tigi kontrollata tigi rimessa f'idejn il-gurati biex jiddeciedu huma x'valur probatorju jista' jkollha? Naturalment il-fatt li tali evidenza ma hija korroborata minn ebda fattur iehor tirrendi aktar serja s-sitwazzjoni.

7. Issa, kif ingħad (supra para. 4) permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu lappellant eċċepixxa l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet ġuramentati ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo peress li dawn ma xehdux fl-Istruttorja u lartikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għarregola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel Qorti korrettement ċaħdet din l-eċċezzjoni. L-imsemmijin Apap u Bartolo fil-fatt ġew prodotti mill-prosekuzzjoni bħala xhieda iżda huma għażlu li ma jixhdux minħabba illi hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tagħhom. Il-fatt li għażlu li ma jixhdux mhijiex ċertament raġuni biex l-istqarrijiet tagħhom jiġu dikjarati inammissibbli. Barra minn hekk il-prosekuzzjoni ddikjarat quddiem din il-Qorti illi hija l-intenzjoni tagħha li tipproduċi lill-imsemmija żewġ xhieda fil-ġuri fil-konfront ta' l-appellant wara li jkunu ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra tagħhom.

8. Issa, filwaqt illi l-appellant stqarr illi "pjuttost jaqbel ma' l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti Kriminali", isostni li l-eċċezzjoni tiegħu kellha tiġi deċiża b'dikjarazzjoni ċara li l-istqarrijiet ġuramentati ta' dawn iż-żewġ xhieda huma inammissibbli sakemm l-istess xhieda ma jixhdux viva voce waqt il-ġuri. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti rriteniet "li fl-eventwalita` li ż-żewġ xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ma joffrux id-deposizzjoni tagħhom waqt il-ġuri minħabba l-pendenza tal-proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom, 'f'dak l-istadju l-ġurati għandhom jiġu iggwidati meta jiġu biex jiżnu l-valur probatorju tal-istqarrijiet ġuramentati'." Hawn qegħdin, kif anke aċċettat iddifiża, fir-relm ta' l-ipotetiku. Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura jiġri li l-akkużat ma jkollux u ma kellu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda dwar id-dikjarazzjonijiet ġuramentati li kienu għamlu, l-istess dikjarazzjonijiet ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.

9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat talkonsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq issegwenti punti:

- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.

- ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).

- Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.

- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.

43. Minn din il-ġurisprudenza jemerġu ċerti prinċipji legali, fosthom is-segwenti:

i) Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;
ii) Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;
iii) L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali;
iv) Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom sub-judice;
v) Id-dikjarant irid pero imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi) Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;
vii) Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa *viva voce* fil-proċeduri kriminali;
viii) Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;
ix) Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb

biex jixhed *viva voce* minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda *viva voce* tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat **meħuda fl-istadju istruttorju** tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;

x) Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;

xi) fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;

xii) jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.

44. Din il-Qorti tqis li għandha timxi ma din il-ġurisprudenza anke f'dan il-każ, b'riferenza għax-xiehda mogħtija minn Joseph Zerafa

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet.**

# Decide

Għaldaqstant, salv għal dak deċiżi iżjed il-fuq, il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.

Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**